MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1105/2003/1

**Philip Galea**

**v.**

**Yvette Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-24 ta' Ottubru 2003, li taqra hekk:

"Premess illi l-partijiet zzewwgu fil-11 ta' Gunju 1989, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A);

“Premess illi din il-kawza qed issir mill-attur kif irid l-Art. 37(3) tal-Kodici Civili, billi kienet il-konvenuta li pprocediet quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, li b’digriet tad-9 ta’ Settembru 2003, numru 1392/03 (Dok. B), awtorizzat illi ssir din il-kawza;

“Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibli minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravji da parti tal-konvenuta, u billi l-konvenuta warrbet lil zewgha ghal persuna jew persuni ohra;

“Premess illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom tlett itfal, Julian ta’ tnax-il sena, Francesca ta’ hdax-il sena u Peter ta’ seba’ snin;

“Premess illi bis-sahha tad-digriet Dok. B, il-kura u kustodja tal-minuri msemmija giet fdata lill-konvenuta *pendente lite*, b’access liberu a favur l-attur billi l-partijiet ghadhom qed jghixu fid-dar matrimonjali, liema dar hija proprjeta` parafernali tal-attur;

“Tghid l-istess konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta;

“2. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, Julian, Francesca u Peter tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

“3. tawtorizza lill-attur flimkien ma’ uliedu jghix separatament mill-konvenuta martu fid-dar parafernali proprjeta` tieghu;

“4. alternattivament, u f’kaz illi din il-Qorti jidhrilha illi huwa fl-interess tal-minuri illi l-mara tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali proprjeta` parafernali tal-attur izda separament minnu, tordna illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri tkun fdata liz-zewg partijiet kongiuntement,

b'access liberu ghat-tnejn skont l-esigenzi u l-aqwa interess tal-istess minuri;

"5. tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16), u dan bl-applikazzjoni sa fejn necessarju tal-Art. 51 tal-Kap. 16;

"6. tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

"7. tillikwida l-imsemmija komunjoni f'dawk il-kwoti li jidhrilha opportuna.

"Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta illi hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi l-eccipjenti taqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, izda ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-attur. F'dan ir-rigward u sabiex tigi evitata ripetizzjoni, l-eccipjenti taghmel ampja riferenza ghal kawza fl-ismijiet **Yvette Galea v. Philip Galea** [Cit nru: 1088/03 RCP] li titratta dwar l-istess meritu. Ghalhekk hemm lok ta' konnessjoni ta' kawzi.

"2. Illi dwar il-kura u kustodja tal-minuri, din ghandha tigi fdata biss lill-eccipjenti.

"3. Illi ma tezisti l-ebda raguni valida ghalfejn l-eccipjenti ghandha tigi allonata mid-dar matrimonjali.

"4. Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali, din hija proprjeta` tal-kontendenti f'sehem indiviz bejniethom. F'dan ir-rigward saret talba *ad hoc* fil-kawza fuq imsemmija sabiex jigi dikjarat li d-dar matrimonjali hija proprjeta` tal-kontendenti f'sehem indaqs bejniethom.

“5. Illi m’hemmx ragunijiet validi ghalfejn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-eccipjenti, is-sanzjonijiet kominnati mill-Kodici Civili (Kap. 16).

“Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-28 ta’ Ottubru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament, u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur;

“[2] tichad it-tieni talba;

“[3] tichad it-tielet talba;

“[4] tichad ir-raba’ talba, filwaqt li tirrileva li l-materja tal-kura u kustodja tal-minuri u ta’ l-access ghall-istes giet deciza fil-kawza fuq citata;

“[5] tichad il-hames talba;

“[6] tilqa’ is-sitt talba, fis-sens gja deciz;

[7] tilqa’ is-seba’ talba, fis-sens gja deciz;

“L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attur.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta, stante li l-hajja konjugali bejniethom m’ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, imputabbli esklussivament lill-konvenuta; kif ukoll talab sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Minn naha taghha l-konvenuta cahdet dak allegat mill-attur fil-konfront taghha, kif ukoll il-pretensjonijiet tieghu, filwqat li ghamlet referenza ghall-atti tal-kawza precitata.

“Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha llum fil-kawza fuq indikata, bin-numru 1088/03, u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet hemm raggjunti.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha sabiex:

“…wara li tikkonferma s-sentenza inkwantu ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u ddikjarat xolta u likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha ddecidiet li l-appellant huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg; cahdet t-talbiet tal-appellant fuq il-kura u l-kustodja tal-minuri; ddecidiet li l-assi kollha li gew indikati mill-appellant bhala l-assi parafernali tieghu ghandhom jigu kkunsidrati bhala parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u kif ukoll ordnat li l-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-appellant, u dan skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

“Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex din il-Qorti joghgobha:

“…tichad l-appell tal-attur appellant, tikkonferma s-sentenza appellata fejn giet attribwita htija lilu ghas-separazzjoni, cahdet it-talbiet tieghu fuq il-kura u kustodja tal-minuri u ddecidiet li ma tapplikax id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodici Civili kontra l-appellata.

“Bl-ispejjez kontra l-attur appellant.”

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 1088/03 fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess meritu tal-kawza odjerna;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fil-11 ta' Gunju 1989, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li minnhom wiehed biss, Peter, ghadu minuri u ghandu hmistax (15)-il sena.

Illi kif inghad, din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza l-ohra numru 1088/03 istitwita mill-mara kontra r-ragel u li fiha hi talbet is-separazzjoni personali.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, tat is-sentenza taghha fil-kawza l-ohra, deciza wkoll illum, u, ghalhekk, qed taghmel referenza ghas-sentenza moghtija f'dik il-kawza indikata, u ghal fini ta' din il-kawza tadotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet hemm raggunti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur Philip Galea billi tichad l-istess u tikkonferma dak li ddecidiet l-ewwel Qorti f'din il-kawza salv, fir-rigward tad-dar matrimonjali, dak li gie deciz fil-kawza l-ohra fuq citata.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellant Philip Galea u terz ($^{1}/_{3}$) mill-appellata Yvette Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------